MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2014

Numru. 162/2003

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nezren Grixti)**

**vs**

**Joseph Attard**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Joseph Attard ta' 30 sena, bin Joseph u Evlin nee` Attard, mwieled H'Attard fis-26 ta' April 2002 u residenti 'Last', Triq il-Grecja, Naxxar, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 237772(M):

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-28 ta' April 2002 u matul l-ahhar tliet xhur qabel din id-data b'diversi atti maghmulin fi zmenijiet differenti maghmula b'risoluzzjoni wahda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicina Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif

sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c) Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu medicina Dihydrocodeine (DHC) specifikata fit-tieni Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenza mill-President ta’ Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenza jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regola 1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicina Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll id-digriet ta’ din il-Qorti, kif diversament preseduta, tad-19 ta’ Novembru 2007, li permezz tieghu laqghet it-talba ghal tibdil fl-imputazzjoni originarjament prezentata mill-Prosekuzzjoni, biex b’hekk jigu prezentati l-imputazzjonijiet odjerni, ghal-liema imputazzjonijiet kellu jirrispondi l-imputat u ordnat l-isfilz tal-istqarrija tal-imputat li ggib id-data tad-29 ta’ April 2002;

Rat ukoll illi fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2013, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa f'din il-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

a) <u>Traffikar ta' droga eroina fit-28 ta' April 2002 u matul l-ahhar tlett xhur</u>

Fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2003, xehed **l-Ispettur Nezren Grixti**[1] li qal illi fit-28 ta' Frar 2002, xi s-2.30 p.m., il-pulizija waqfet zewg zghazagh fi Triq il-Grecja, Naxxar, wara li nnutaw li dawn iz-zghazagh kienu qeghdin jixtru d-droga minn post gewwa n-Naxxar ossia 'Last', Triq il-Grecja, Naxxar. Dak il-hin il-pulizija kienet qed taghmel osservazzjoni fuq certu Joseph Attard ossia l-imputat. Wiehed mill-imsemmija zghazagh, Kevin Cacciattolo harab mill-vettura li giet imwaqqfa mill-pulizija u wara li gie segwit u mwaqqaf, instab fuqu pakkett bi droga eroina. L-istess Cacciattolo irrilaxxja stqarrija li sussegwentement ikkonfermaha bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti, fejn huwa stqarr li kien xtara d-droga minghand l-imputat. Skond l-Ispettur Grixti wara li gie mwaqqaf Cacciattolo, saret tfittxija fil-fond tal-imputat u cioe` l-fond imsemmi gewwa Triq Grecja Naxxar, fejn instabu xi affarijiet li ghandhom x'jaqsmu ma' traffikar u uzu ta' droga, apparti li nstabet ukoll sustanza allegatament droga eroina fl-istess residenza. Skond l-istess xhud, instab xi *foil* mahruq, *foil* gdid, is-somma ta' Lm188 fi flus kontanti, boroz tal-*plastic* godda, 59 pillola DHC u boroz bit-tracci tal-eroina gewwa fihom. L-istess imputat kien qal lill-pulizija li kellu fond iehor gewwa Ta' Xbiex, fejn ukoll saret tfittxija u hemmhekk instabu

[1] A fol. 10 sa 13 tal-process.

33 pillola ohra DHC. L-Ispettur Grixti xehed ukoll illi l-imputat gie mitkellem minnu gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija u stqarr mieghu illi d-droga li nstabet hija tieghu u li huwa kellu problema tad-droga. Madankollu, l-imputat cahad li kellu x'jaqsam ma' Cacciattolo. Ix-xhud prezenta bott li jikkontjeni 33 pillola DHC, 59 pillola DHC u zewg kantunieri tal-boroz tal-*plastic* kontenenti trab kannella allegatament eroina, diversi boroz tal-*plastic* godda u ohrajn uzati b'xi tracci ta' trab kannella allegatament eroina, imqass u sikkina, *mobile phone*, flus ammontanti ghas-somma ta' Lm188 u borza tal-*plastic* kontenenti *roll* tal-*aluminium* gdid, *aluminium foil* mahruq u karta taz-zewg liri rrumblata.

Fit-3 ta' Ottubru 2003, xehed **PS 765 Samuel Attard**[2] li qal illi fit-28 ta' April 2002 kienu marru f'post fi Triq il-Grecja, Naxxar, fejn kienu gew innutati zewg persuni suspettuzi b'karozza. Dawn gew imwaqqfa u nstabet xi droga fuqhom. Wara saret tfittxija fil-post imsemmi u minn hemmhekk kienu gew elevati xi droga ossia pakketti tal-eroina u xi affarijiet relatati mad-droga. Xehed ukoll **PC 138 Joseph Portelli**[3] li qal illi fit-28 ta' April 2002 ghamlu tfittxija gewwa residenza fi Triq il-Grecja, Naxxar fejn sabu lill-imputat. Saret tfittxija fil-kamra tieghu, fejn minn fuq il-komodina gew elevati zewg pakketti bi trab kannella suspettata eroina u gew elevati wkoll oggetti ohrajn relatati mad-droga bhal *foil*. Minn go vettrina elevaw numru ta' boroz li kienu jaqblu mal-boroz li nstabu barra mir-residenza. Xehed ukoll **PC 706 Norman John Cremona**[4], li qal illi x'hin dahlu fir-residenza tal-imputat, baqghu dehlin fil-kamra tas-sodda tieghu u sabuh hdejn is-sodda. Kellu xi zewg pakketti suspettati eroina, instabu xi affarijiet relatati mad-droga u xi boroz. In kontro-ezami, ix-xhud qal illi d-droga instabet minnu fuq il-komodina, hdejn ras l-imputat li kien mimdud fuq is-sodda u kien hemm affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga ghalkemm qal li ma kienx cert x'kien hemm ezattament.

Fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2004, xehed **Kevin Cacciattolo**[5] li qal illi kellu problema ta' droga u li kien jaghmel uzu mill-eroina, kokaina u *cannabis*. Qal

[2] A fol. 16 u 17 tal-process.
[3] A fol. 18 u 19 tal-process.
[4] A fol. 20 sa 22 tal-process.
[5] A fol. 25 sa 29 tal-process.

illi ma tantx kien jaghmel uzu mid-droga imma meta kien jabbuza kien jixtri minghand *"jew Arab jew hekk"*.[6] Mistoqsi jekk qatt kienx xtara minghand Malti, wiegeb fin-negattiv u qal illi l-imputat kien habib tieghu. Qal illi dakinhar li nqabad, huwa kien taht l-effett tal-*ecstasy* u li dakinhar kien qieghed *party* mal-imputat. Qal illi meta xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti, huwa gideb ghax dakinhar kien xoghol u ma riedx jibqa' l-habs. Qal illi l-imputat jafu ghax kienu hbieb, li dakinhar kienu hargu flimkien. Dakinhar fil-ghodu kien wasslu habib tieghu ghand l-imputat u kien mar ghandu ghac-cwievet *"tal-karozza tad-dar ta' ommi"*[7] u li l-affarijiet li sabu fuqu, b'referenza ghad-droga, ma kinux tal-imputat u li d-droga li nstabitlu ma kinitx eroina, izda kokaina. Huwa nnega li kien xtara d-droga minghand l-imputat.

Fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2004, rega' xehed **Kevin Cacciattolo**[8], li qal illi dakinhar kien hiereg minghand il-habib tieghu, l-imputat, li dak il-hin kien qieghed ma' habib tieghu u talbu jwasslu ghand l-imputat ghaliex kien nesa xi cwievet. Ammetta li kellu d-droga fuqu u li d-droga li sabulu kienet kokaina. Qal illi x'hin ra lill-pulizija, huwa telaq jigri ghax kien jaf li kellu d-droga fuqu. Qal illi huwa ma kienx xtara minghand l-imputat, u li qabel ma semma lill-imputat fl-istqarrija tieghu, huwa ma bediex jaccetta li jsemmi isem l-imputat. Qal illi gurnata qabel, hu u l-imputat kienu qeghdin f'*party* f'San Giljan u f'xi hin isseparaw. Fl-istqarrija tieghu, fil-bidu ma kixef lil hadd u x'hin kienet tlestiet din l-istqarrija, huwa gie mgharraf li kien ser jibqa' arrestat, izda huwa ried jitlaq ghaliex ried imur xoghol wara nofsinhar. Qal li l-ufficjal li kien qed jakkumpanjah qallu li kieku semma lil fornitur tieghu, kien jigi rilaxxjat u li hu wiegeb *"ghal daqshekk, ghidtlu imxi"*[9]. Qal illi huwa beda jibza' li ser jitlef ix-xoghol u li jekk isiru jafu li kien arrestat, kien jitlef xoghlu. Ghalhekk irrilaxxja stqarrija u fiha semma' lill-imputat la darba kienu qabduh hiereg minghandu. Ma riedx isemmih imma kellu jaghmel hekk u li gideb sabiex jigi rilaxxjat. Qal illi bejn il-hin li fiha rrilaxxja l-istqarrija u l-hin li fiha kkonfermaha bil-gurament ghaddiet xi nofs siegha u wara qal li ma jiftakarx ezatt ghaliex il-jum ta' qabel, kien xorob u ha d-droga u ghalhekk ma kienx jiftakar. In kontro-ezami, x-xhud

[6] A fol. 26.
[7] A fol. 28 tal-process.
[8] A fol. 46 sa 59 tal-process.
[9] A fol. 49 tal-process.

qal illi dak iz-zmien kien jahdem TGI Fridays, li kien *head barman* u li sa dakinhar kien ghadu jahdem hemm. Qal illi dakinhar li gie arrestat kien xoghol xi l-4.00 p.m. jew xi s-6.00 p.m. Qal illi dakinhar huwa gie arrestat fl-10.00 a.m. Qal illi fil-jum ta' qabel kien qieghed *party* gewwa San Giljan u kien mar hemm u li l-imputat kien hemm ukoll. Qal illi kieku fuq ix-xoghol kienu jafu li kien arrestat zgur kienu jkeccuh, li beda jibza' li ser jitlef ix-xoghol u li ghandu tifla wkoll. Rega' qal li dakinhar huwa qal lil siehbu jwasslu ghax kien nesa c-cwievet tal-karozza ghand l-imputat, li hu kemm dahal u hareg u li minghandu kien gabar ic-cwievet tal-karozza ta' ommu. Il-karozza kien halliha San Giljan. Qal li kien nesa c-cwievet tal-karozza ghand l-imputat il-jum ta' qabel u li kienu marru San Giljan flimkien ghax hargu flimkien. Qal illi d-droga fil-fatt kien xtraha mill-*party* li kien hdejn il-*bowling*, San Giljan u li din kienet droga kokaina.

**Kevin Cacciattolo** rega' xehed fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2006.[10] Qal illi dakinhar li gie arrestat kien mar ghand l-imputat ghac-cwievet li kien halla ghandu bil-lejl biex jidhol id-dar. Meta inqratlu l-istqarrija li kien irrilaxxja hu fit-28 ta' April 2002, ix-xhud ikkonferma illi kien qal dan id-diskors izda qal li qabel kien ghamel stqarrija ohra. Waqt li kienet qed tinqralu l-istqarrija, fejn huwa kien gie mistoqsi jekk il-pakkett eroina mill-bajda li nstabet fl-art kinitx tieghu u fejn huwa kien wiegeb fl-affermattiv, ix-xhud qal li d-droga ma kinitx eroina, izda kokaina. Rega' qal illi ghalkemm kien qal dan id-diskors fl-istqarrija, qabel kien irrilaxxja stqarrija ohra fejn ma kienx accetta li huwa kien xtara minghand l-imputat, izda peress illi kien xoghol u kienu ha jerga' jitfghuh fic-cella, huwa bilfors kellu jahlef hekk. Qal illi fl-istqarrija kien gideb u li quddiem il-Magistrat Inkwirenti, huwa kien gideb ukoll. Qal illi dak il-hin ma qghadx iqis il-konsegwenzi ta' gurament falz. Qal illi huwa kien semma lill-imputat ghaliex kien hiereg minghandu u li l-pulizija baqghu jinsistu mieghu. Qal illi qabel ma huwa rrilaxxja din l-istqarrija, huwa kien semma' lil wiehed Gharbi bhala l-fornitur tieghu, izda li l-pulizija riedu bilfors jisimghu isem l-imputat.

---

[10] A fol. 73 sa 86 tal-process.

L-istess **Kevin Cacciattolo** kien irilaxxja stqarrija fit-28 ta' April 2002[11], li sussegwentement giet ikkonfermatha minnu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Issa ghalkemm jirrizulta a fol. 7 tal-process verbal illi xehed l-istess Cacciattolo u anke inghata l-*caution* m'hemmx imnizzel illi fil-fatt kien ikkonferma din l-istqarrija bil-gurament. Biss dan jirrizulta kemm mill-konkluzjonijiet tal-Magistrat Inkwirenti fl-istess process verbal fejn jinghad illi "*Kevin Cacciattolo, wara li gie moghti t-twissija mill-Magistrat Inkwirenti ghazel li jikkonferma l-istqarrija bil-gurament u dan ai termini tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta*"[12] u in oltre jirrizulta wkoll mix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, fejn huwa qal li kien ikkonferma din l-istqarrija bil-gurament, ghalkemm qal ukoll li kien gideb f'dak l-istadju.[13] F'din l-istqarrija, Cacciattolo qal illi huwa jahdem bhala *barman* gewwa TGI Friday u li kien ilu jahdem hemm madwar sena. Qal illi kien in-Naxxar ghall-habta tal-10.30 a.m. u li mar biex jixtri pakkett eroina minghand wiehed Joseph, li kien cempillu fuq ic-cellulari tieghu u qallu li kien sejjer biex jixtri pakkett eroina. Ta' dan il-pakkett, huwa kien hallas Lm10. Mistoqsi jekk il-pakkett eroina mill-bajda li l-pulizija sabu fl-art gewwa sqaq fi triq gewwa n-Naxxar kienx tieghu, huwa wiegeb fl-affermattiv u qal li din kienet it-tielet darba li mar jixtri minghand Joseph, u kull darba kien xtara pakkett bil-prezz ta' Lm10. Fid-drabi l-ohra li huwa xtara, dejjem kienet tkun eroina mill-kannella u dejjem kienet tkun ippakkjata gewwa kantunieri tal-boroz trasparenti. Qal li dakinhar stess, huwa kien talbu biex jixtri l-eroina mill-bajda biex ikun jista' jippruvaha u li din kien xtraha Lm10 ukoll. Qal li Joseph ma kellux izjed minnha u li kien hu stess li qallu li dak li kien xtara dakinhar kien l-ahhar ftit. Qal li kien mar ghand Joseph u baqa' sejjer fuq fil-kamra tieghu, li kien wasslu habib tieghu, certu Alan Gatt u wara li xtara minghand Joseph u dahal fil-vettura ta' siehbu, ra lill-pulizija gejjin fuqu u hareg mill-vettura biex ikun jista' jahrab. Mar jigri gewwa sqaq u prova jahbi d-droga li kien xtara minghand Joseph wara qasrija, izda l-pulizija qabduh u wara sabu d-droga li kien prova jahbi. L-ahhar li kien ha d-droga eroina kien gewwa d-dar tieghu fil-21 ta' April 2002. Qal li gieli ha *smoke* u li kien ha l-ahhar dak il-lejl stess gewwa d-dar tieghu wkoll. Qal li kien xtara l-*cannabis* minghand Gharbi li jismu Axraf gewwa Paceville u provda d-deskrizzjoni tieghu.

---

[11] A fol. 9 *et seq* tal-process verbal.
[12] A fol. 3 tal-process verbal.
[13] A fol. 79 tal-process.

Ix-xhieda moghtija f'dawn il-proceduri minn WPC 12 Andrea Grech[14], PC 265 Malcolm Grixti[15], PC 138 Joseph Portelli[16] u PS 765 Samuel Attard[17] huma rrelevanti ghal kaz odjern u ghalkemm l-okkju f'din ix-xhieda huwa indikat bhala l-okkju tal-kaz odjern, biss huwa evidenti illi x-xhieda qeghdin jirreferu ghall-kaz iehor u persuna ohra li mhux l-imputat odjern, izda imputat iehor u residenza ohra. In oltre ix-xhieda moghtija fit-28 ta' Novembru 2006 minn PC 138 Joseph Portelli[18] tirrigwarda tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat fit-18 ta' Lulju 2002 – id-data tal-imputazzjoni originarjament prezentata – u li ghalhekk lanqas ma hija relevanti ghall-kaz odjern.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi l-Qorti hija ghalhekk rinfaccjata b'zewg verzjonijiet opposti moghtija mill-istess xhud Kevin Cacciattolo, li fl-istqarrija tieghu kkonfermata minnu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti, xehed illi fil-jum in kwistjoni ossia fit-28 ta' April 2002, huwa kien xtara eroina mill-bajda minghand l-imputat u li kien xtara d-droga eroina minghandu f'zewg okkazzjonijiet ohra, fil-waqt illi f'dawn il-proceduri, huwa sostna fit-tlett okkazzjonijiet separati li fihom huwa tela' jixhed, illi mhuwiex minnu illi huwa kien xtara d-droga minghand l-imputat f'dik id-data, illi d-droga misjuba fil-pussess tieghu effettivament ma kinitix eroina, izda kokaina u li din kien xtraha minn gewwa *party* fil-lejl ta' qabel. F'dawn il-proceduri huwa qal ukoll illi fil-jum in kwistjoni, huwa kien mar ghand l-imputat sabiex igib xi cwievet li kien nesa ghandu fil-jum ta' qabel, izda li ma xtarax droga minghand l-imputat.

Issa apparti dawn il-verzjonijiet kunfliggenti tax-xhud Cacciattolo, ghalkemm kemm fl-istadju tal-inkjesta da parti tal-Magistrat Inkwirenti, kif ukoll f'dawn il-

---

[14] A fol. 30 sa 32 tal-process.
[15] A fol. 33 u 34 tal-process.
[16] A fol. 35 u 36 tal-process.
[17] A fol. 37 u 38 tal-process.
[18] A fol. 91 sa 95 tal-process.

proceduri[19] minn din il-Qorti diversament preseduta, gie mahtur l-Ispizjar Mario Mifsud sabiex jaghmel analizi fuq is-sustanza esebita fl-atti, baqghet ma giet esebita l-ebda relazzjoni da parti tal-imsemmi Spizjar. In oltre mid-deskrizzjoni tad-dokumenti esebiti mill-Ispettur Nezren Grixti, kemm fil-verbal tas-seduta li dawn fihom gew esebeti[20], kif ukoll fix-xhieda tal-istess Spettur[21], ma jidhirx illi attwalment giet esebita s-sustanza li nstabet fuq Cacciattolo. Dan qed jinghad ghaliex fil-waqt illi s-sustanza esebita fl-atti hija deskritta bhala trab kannella (allegatament eroina) kif kontenuta f'zewg kantunieri tal-boroz tal-*plastic* u elevata mir-residenza tal-imputat, mill-istqarrija ta' Cacciattolo jirrizulta li s-sustanza misjuba fuqu kienet bajda u mhux kannella – fil-mistoqsijiet tieghu, l-Ufficjal Investigatur jirreferi ghal din is-sustanza bhala eroina mill-bajda u ghalkemm il-mistoqsija ma taghmilx prova, Cacciattolo stess jaghmel distinzjoni ghaliex jghid illi d-droga li xtara precedentement minghand l-imputat kienet eroina mill-kannella u mistoqsi jekk kienx hu li talab eroina mill-bajda, huwa wiegeb fl-affermattiv u qal li xtaq jippruvaha. Mir-ritratti esebiti mar-relazzjoni ta' PS239 Joseph Caruana fil-process verbal[22], specifikatament mir-ritratt immarkat bhala 02 BCC 103, tidher borza tal-*plastic* trasparenti bi trab abjad b'*label* hdejha li tindika li din instabet gewwa qasrija fi sqaq fin-Naxxar li x'aktarx ghalhekk hija s-sustanza li kienet fil-pussess ta' Cacciattolo.

Il-Qorti ghalhekk hija rinfaccjata b'sitwazzjoni fejn ghandha verzjoni ta' Cacciattolo li fiha huwa jghid li din hija eroina mill-bajda u b'verzjoni ohra tal-istess Cacciattolo fejn jghid li din kienet kokaina, minghajr ma ghandha l-ebda rizultat ta' analizi forensika dwar x'kienet effettivament din is-sustanza. Kull ma tista' tikkonkludi b'certezza morali din il-Qorti, hija sempliciment illi din kienet sustanza bajda u li ghalhekk din setghet verament kienet kokaina, kif isostni x-xhud f'dawn il-proceduri. Dan apparti illi eroina bajda m'hijiex komuni f'Malta.[23] Naturalment dan zgur illi ma jfissirx illi f'Malta qatt ma kien hawn

[19] A fol. 23 u a fol. 60 tal-process.
[20] A fol. 7 u 8 tal-process.
[21] A fol. 12 u 13 tal-process.
[22] A fol. 12 *et seq* tal-process verbal li jinsab esebit a fol. 70 tal-process.

[23] Dan qed jinghad ghaliex mill-istatistika mahruga mill-EMCDDA, jirrizulta illi bejn is-snin 2003 u 2011, f'Malta ma nqabitx droga eroina bajda (ara http://stats05.emcdda.europa.eu/en/elements/ppptab06a-en.html ghas-

minn din id-droga, jew li d-droga misjuba fuq ix-xhud ma kinitx eroina bajda, biss fic-cirkostanzi li ghandha quddiemha l-Qorti, fejn iz-zewg verzjonijiet tal-istess xhud huma dijatrikament opposti mhux biss dwar il-fornitur tieghu, izda sahansitra dwar it-tip ta' droga li nsabet fil-pussess tieghu, fejn il-htija tal-imputat dwar l-ewwel imputazzjoni tista' torbot biss u esklussivament fuq l-istqarrija guramentata tal-istess xhud u fin-nuqqas ta' analizi forensika ta' din is-sustanza, liema analizi kienet x'aktarx tikkorrobora verzjoni wahda jew l-ohra, il-Qorti ma tistax tasal ghall-konvinciment morali li s-sustanza fil-pussess tax-xhud kienet droga eroina u konsegwentement li huwa kien xtara din id-droga minghand l-imputat. Jinghad ukoll illi anke kieku ghall-grazzja tal-argument, il-Qorti kellha tistrieh fuq il-verzjoni originali tax-xhud, fejn huwa indika illi kien xtara l-eroina minghand l-imputat f'zewg okkazzjonijiet ohrajn precedenti, il-Qorti tinnota illi x-xhud ma giex mistoqsi dwar meta huwa kien xtara din id-droga eroina minghandu u ghalhekk ghalkemm l-ewwel imputazzjoni tirreferi ghat-28 ta' April 2002 u ghall-ahhar tlett xhur qabel din id-data, ma jistax jinghad illi x-xhud kien effettivament xtara din id-droga eroina f'dak il-perjodu. In oltre, ghalkemm ix-xhud jghid fl-istqarrija illi l-ahhar li kien ha d-droga kien fil-21 ta' April 2002, m'hemm xejn x'jindika fl-istess stqarrija li huwa kien xtara din id-droga minghand l-imputat.

Ghaldaqstant, f'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat fil-grad rikjest mil-ligi.

b) Pussess illegali tad-droga eroina

sena 2003; http://stats06.emcdda.europa.eu/en/elements/ppptab06a-en.html ghas-sena 2004; http://www.emcdda.europa.eu/stats07/ppptab06a ghas-sena 2005; http://www.emcdda.europa.eu/stats08/ppptab6a ghas-sena 2006; http://www.emcdda.europa.eu/stats09/ppptab2a ghas-sena 2007; http://www.emcdda.europa.eu/stats10/ppptab2a ghas-sena 2008; http://www.emcdda.europa.eu/stats11/ppptab6a ghas-sena 2009; http://www.emcdda.europa.eu/stats12#display:/stats12/ppptab2a ghas-sena 2010 u http://www.emcdda.europa.eu/stats13#display:/stats13/ppptab2a ghas-sena 2011. Sfortunatament, l-istatistika ghas-sena 2002 ma tinkludix statistika dwar Malta.

Jirrizulta mill-provi prodotti illi fil-pussess tal-imputat ossia gewwa daru, instabu zewg kantunieri tal-*plastic* kontenenti trab kannella suspettat eroina, xi *foil* mahruq, *roll* tal-*aluminium* gdid u xi boroz, uhud godda u ohrajn bit-tracci ta' trab kannella suspettat eroina, mqass u sikkina. Fir-rigward tas-sustanza li nstabet fir-residenza tal-imputat, lanqas ma giet esebita r-relazzjoni tal-Ispizjar nominat sabiex jaghmel l-analizi forensika li tista' tistabilixxi x'kienet is-sustanza hekk misjuba. Ghalkemm x'aktarx illi s-sustanza esebita kienet droga eroina, anke fid-dawl tal-fatt li nstab il-*foil* mahruq, madankollu, minghajr analizi, il-Qorti ma tistax tasal ghall-konvinciment morali illi din is-sustanza kienet fil-fatt droga eroina. In oltre, ghalkemm l-Ispettur Nezren Grixti, fix-xhieda tieghu jghid illi huwa kellem lill-imputat, fejn dan qallu illi d-droga li nstabet kienet tieghu u li kellu problema ta' droga, biss lanqas ma jindika l-istess Spetter jekk dak li qallu l-imputat qalulux wara li huwa kien tah id-debita twissija li kellu d-dritt li ma jwegibx u li dak li jinghad jista' jingieb bhala prova. Ghalhekk din il-parti tax-xhieda tal-Ispettur Grixti qed tigi skartata.

Ghaldaqstant, a bazi tas-suespost, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova t-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat fil-grad rikjest mil-ligi.

c) Pussess aggravat ta' Dihydrocodeine (DHC)

Illi fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, gew esebiti numru ta' pilloli li skond l-Ufficjal Prosekutur, instabu in parte fir-residenza tal-imputat u in parte f'fond iehor li gie indikat mill-istess imputat, li gew deskritti mill-Ufficjal Prosekutur bhala DHC u li skond l-istess Ufficjal Prosekutur kienu jammontaw ghal 59 pillola u 33 pillola rispettivament. Dawn il-pilloli x'aktarx huma dawk murija fir-ritratt 02 BCC 106[24] (li lanqas ma jammontaw ghall-ammont indikat mill-Ufficjal Prosekutur). Anke fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, ma giet esebita l-ebda relazzjoni b'analizi forensika li tindika x'kienu dawn il-pilloli hekk esebiti.

[24] Dawn ir-ritratti jinsabu esebiti mar-relazzjoni li tinsab esebita a fol. 13 tal-process.

Minkejja li fl-istess ritratt jidher bott tal-*plastic* bil-kliem DHC fuqu, dan certament ma jistax iwassal lill-Qorti sal-konvinciment morali illi dawn il-pilloli kienu verament *Dihydrocodeine*, kif indikat fl-imputazzjoni. Ghaldaqstant, din il-Qorti la tista’ ssib htija fl-imputat dwar il-pussess illegali ta’ tali medicina u wisq inqas tista’ ssibu hati ta’ pussess aggravat tal-istess.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti m’hijiex qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnhom.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tas-sustanza esebita u tal-affarijiet esebiti fl-atti mmarkati bhala Dok. NG1, NG2, NG3 u NG7, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni. Tordna wkoll illi l-*mobile phone* tal-marka Alcatel esebit bhala Dok. NG 5, il-flus kontanti esebiti bhala Dok. NG 6 u l-karta tal-identita` tal-imputat, esebita a fol. 8 tal-process verbal li jinsab esebit fl-atti a fol. 70, jigu rilaxxjati favur l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------